MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 78/2003

**Anthony u Gorgina konjugi Cauchi**

**vs**

**Emanuel u Maureen Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenuti kienu jiddetjenu b'kera minghand l-esponenti il-fond 9, Pjazza Savina, Victoria, Ghawdex, skond skrittura tad-29 ta' Settembru 2001 illi kienet timponi fuqhom *inter alia* l-obbligu illi jhallsu l-licenzji u l-permessi fuq l-imsemmi fond. Irrilaxxjaw il-pussess tal-fond f'Gunju 2003. Wara dik id-data l-esponenti skoprew illi l-konvenuti kienu naqsu illi jhallsu l-licenzji lill-Kunsill Lokali Victoria ghas-sena 2002, u nofs is-sena 2003, bil-konsegwenza illi l-esponenti kienu kostretti jhallsu dawn il-licenzji huma; u issa qed jitolbu li jigu rimborzati dawn l-ispejjez.

Ghaldaqstant, dana t-Tribunal qieghed jigi mitlub sabiex jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) bhala rifuzjoni tal-licenzji u permessi mhallsa mill-atturi kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja datata 4 ta' Lulju 2003, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' Lulu 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah."

Sema' d-deposizzjoni ta' Anthony Cauchi li kkonferma bil-gurament il-kontenut tal-avviz tat-talba;

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentawx risposta; ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2003 f'liema seduta l-kapitoli gew ipprezentati mill-atturi u approvati mit-Tribunal; u l-anqas dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni u dana minghajr ma giebu ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------